VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,432, 29 ta' Mejju, 2015
Taqsima B

A.L. 175 tal-2015

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.31

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara t-tifsira "importatur" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"installatur kompetenti tal-LPG" tfisser persuna li tkun approvata mill-Awtorità u li hija mħarrġa b'mod xieraq, li jkollha għarfien suffiċjenti, l-esperjenza u l-kapaċità kif approvat mill-Awtorità biex:

(a) tibni tagħmir ta' u, jew siti intiżi biex ikunu nominati mill-Awtorità bħala faċilitajiet awtorizzati; u

(b) twettaq tibdil materjali għall-faċilitajiet awtorizzati; u

(ċ) twettaq xogħol ieħor ta' natura teknika li hija kumplimentari jew anċillari ma' dak ta' hawn fuq;".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "minn persuna kompetenti tal-faċilità tal-ħżin" għandhom jiżdiedu l-kliem "u l-konferma bil-miktub li l-faċilità sekondarja tal-ħżin tal-LPG ġiet installata minn installatur kompetenti tal-LPG.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tal-verżjoni bl-Ingliż tiegħu, minflok il-kliem "all new authorisation facilities be designed and constructed" għandhom jidħlu l-kliem "all authorised facilities designed and constructed";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "ġew osservati." għandhom jidħlu l-kliem "ġew osservati u b'inklużjoni ta' dikjarazzjoni ffirmata bl-effett li dawk il-faċilitajiet awtorizzati ġew mibnija minn installatur kompetenti tal-LPG."; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Ebda persuna, barra minn installatur kompetenti tal-LPG, ma għandha tibni faċilità awtorizzata jew faċilità meħtieġa li tkun hekk awtorizzat jew twettaq kwalunkwe tibdil materjali lill faċilità awtorizzata taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda dak l-installatur kompetenti tal-LPG għandu jkun sorveljat minn persuna kompetenti fil-kostruzzjoni ta' faċilità awtorizzata jew faċilità meħtieġa li tkun hekk awtorizzata taħt dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Ebda persuna, barra minn persuna kompetenti, ma għandha tissorvelja kwalunkwe tibdil materjali mwettqa fuq impjant awtorizzat.";

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, minflok il-kelma "isir" għandha tidħol il-kelma "jissorvelja";

(ċ) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Ġaladarba jitwettaq t-tibdil materjali, il-persuna kompetenti ikkummissjonata mill-persuna awtorizzata biex tissorvelja l-alterazzjonijiet materjali u l-installatur kompetenti tal-LPG ikkummissjonat mill-persuna awtorizzata biex iwettaq tali tibdil għandhom jissottomettu bil-miktub ċertifikazzjoni li r-rekwiżiti kollha tas-sigurtà imposti fuq il-faċilità awtorizzata jkunu ġew imħarsa."; i

(d) minnufih wara s-subregolament (6) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(7) Ebda persuna, ħlief installatur kompetenti tal-LPG, ma għandha tibni jew twettaq xi tibdil materjali fuq faċilità awtorizzata jew faċilità meħtieġa li tkun hekk awtorizzata:

Iżda dak l-installatur kompetenti tal-LPG għandu jkun sorveljat minn persuna kompetenti waqt il-bini u t-twettiq ta' kwalunkwe tibdil materjali fuq il-faċilità awtorizzata jew faċilità meħtieġa li tiġi hekk awtorizzata.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet hu ta' €500;" għandu jidħol dan li ġej:

"Id-dritt li japplika għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għandha jkun kif ġej:

(i) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għal żewġ ħwienet miterjati - €50.00;

(ii) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għal meta l-ħwienet miterjati ikun bejn 3 u 5 - €100.00;

(iii) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għal meta l-ħwienet miterjati ikun bejn 6 u 10 - €200.00;

(iv) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għal meta l-ħwienet miterjati ikun bejn 11 u 15 - €300.00;

(v) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet ta' aktar minn 15 il-ħanut miterjat - €500.00".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

7. Fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet hu ta' €500 fis-sena" għandu jidħol dan li ġej:

"Id-dritt li japplika għal awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għandu jkun kif ġej:

(i) għall-operazzjoni ta' network fissa ta' pajpijiet għal żewġ ħwienet miterjati - €50.00;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għal meta l-ħwienet miterjati ikunu bejn 3 u 5 - €100.00;

(iii) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għal meta l-ħwienet miterjati ikunu bejn 6 u 10 - €200.00;

(iv) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet għal meta l-ħwienet miterjati ikunu bejn 11 u 15 - €300.00;

(v) għall-operazzjoni ta' *network* fissa ta' pajpijiet ta' aktar minn 15 il-ħanut miterjat -. €500.00".

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

8. Fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minnufih wara ċ-ċifra "€35" għandu jiżdied dan li ġej:

"Dritt dovut għall-Awtorità għall-approvazzjoni bħala installatur kompetenti tal-LPG ..... €35".